MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1653/2002

**Joseph Cassar**

**Vs**

**Louisa Maria Vella Bardon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm428) rappresentanti danni soffeti mill-attur minhabba incident awtomobilistiku illi sehh nhar id-29 ta' Marzu 2002 fi Triq il-Linja gewwa H'Attard waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Fiat Ritmo bin-numru ta' registrazzjoni IAI-557 u l-konvenuta kienet qieghda issuq  il-vettura tal-marka Volkswagen Polo bin-

numru ta’ registrazzjoni JAX-859, ghal liema incident tahti unikament l-istess konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali datata 17 ta’ Mejju 2002 u ta’l-ittra ufficjaliipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra is-socjeta assikuratrici tal-konvenuta u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-30 ta’ Lulju 2002 fejn hija eccepiet illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’l-attur.

Sema' x-xhieda ta l-kontendenti, ta’ mart l-attur Maria Cassar u ta’ PS 1393, Charles Azzopardi

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe’ Dokument JC1 konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta, Dokumenti JC2 sa JC5 konsistenti fi tlett ritratti li juru il-hsarat rapportati fil-vettura ta’l-attur u ritratt li juri l-post fejn sehh l-incident u Dokumenti A sa E, li huma ricevuti in konnessjoni mal-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza sehh fi Triq il-Linja H’Attard kantuniera ma’ Triq Ganni Portelli. Iz-zewg vetturi tal-kontendenti kienu qed jinsaqu fl-istess direzzjoni bil-vettura tal-konvenuta tinsaq wara dik ta’l-attur. Meta l-attur intenta idur fuq il-lemin tieghu ghal go Triq Ganni Portelli, il-konvenuta iddecidiet taghmel manuvra ta’ sorpass biex b’hekk sehhet il-kollizzjoni. It-Tribunal ghalhekk irid jikkunsidra x’kienet il-kawza prossima ta’ dan l-incident stradali sabiex jigi stabbilit ir-responsabbilta tas-sewwieqa ghall-istess.

Illi rigward id-dinamika ta’ kif sehh l-incident, tista’ tghid illi hemm qbil bejn il-kontendenti u ix-xhieda minnhom imressqa. In-nuqqas ta’ bqil fix-xhieda hija rigward il-kwistjoni jekk l-attur tax pre-avviz tajjeb u ragjonevoli lill-

vettura li kienet qed tinsaq warajh tal-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel. Triq il-Linja, H'Attard fejn sehh l-incident hija triq *two-way*, li hija piuttost dejqa fil-parti ta' isfel taghha, izda tibda titwessa fil-post fejn sehhet il-kollizzjoni u cioe' kantuniera ma' Triq Ganni Portelli. Kien x'aktarx minhabba f'din ir-raguni illi l-konvenuta iddecidiet tissorpassa il-vettura misjuqa mill-attur f'dan il-punt.

Min-naha tieghu l-attur jikkontendi:

1. illi huwa osserva illi kien hemm vettura qed tinsaq wara tieghu qabel ma sehh l-impatt u cioe' il-vettura tal-konvenuta.
2. illi huwa xeghel l-indicator qabel ma kiser ghal go Triq Ganni Portelli sabiex jaghti indikazzjoni lil ta' warajh li kien bi hsiebu jaghmel din il-manuvra. Huwa ghamel dan ftit metri 'l isfel qabel ma kiser.
3. illi l-konvenuta ma tatx indikazzjoni, qabel l-impatt illi hija kienet bi hsiebha taghmel manuvra ta' sorpass. Dana huwa seta jikkonstatah mill-mera.
4. illi l-vettura tieghu kienet diga dahhlet ghal go Triq Ganni Portelli meta sehhet il-habta u ghalhekk il-hsarat sofferti fil-vettura tieghu kienu fuq il-bieba ta' wara in-naha tas-sewwieq.
5. illi huwa ma waqqafx qabel ma kiser ghal go Triq Ganni Portelli, izda irrallenta u xeghel l-*indicator*.
6. illi mieghu riekba fil-vettura kien hemm martu li xehdet f'dawn il-proceduri u li ikkonfermat il-verzjoni moghtija minn zewgha. Ziedet tghid illi wara il-kollizzjoni, meta huma nizzlu mill-vettura, l-*indicator* tal-vettura ta' zewgha kien ghadu mixghul.

Il-verzjoni tal-konvenuta:

1. illi l-attur kien qieghed isuq b'velocita baxxa hafna u hi kienet ilha issegwieh minn fejn il-Corinthia Hotel u cioe' mill-bidunett tat-triq.
2. illi minhabba f'din ir-raguni hija iddecidiet taghmel manuvra ta' sorpass, hekk kif twessghat it-triq u cioe' vicin it-triq laterali Ganni Portelli.
3. illi hija ma ratx l-*indicator* tal-vettura ta'l-attur mixghul u kien ghalhekk illi hija iddecidiet tissorpassah.

4. illi hekk kif hija bdiet taghmel din il-manuvra, l-attur qabad u kiser ghal go Triq Ganni Portelli biex b'hekk sehhet il-kollizzjoni.
5. illi sabiex hija ghamlet din il-manuvra, hija invadiet il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta.
6. illi madanakollu f'dak il-hin hija kienet ivverifikat illi ma kienx gej traffiku minn din id-direzzjoni u kien ghalhekk li iddecidiet taghmel din il-manuvra.
7. illi hija kienet ikkalkulat li setghet taghmel din il-manuvra minghajr xkiel.
8. illi l-attur li kien ghaddej b'velocita baxxa, baqa' ghaddej bl-istess *speed* meta huwa gie biex jikser ghal go Triq Ganni Portelli. Illi lanqas il-*brake-lights* tal-karozza ma kienet rat jinxteghlu.

Illi mill-assjem tal-provi jidher illi kien hemm zewg ragunijiet li wasslu ghal dan l-incident stradali u cioe' principalment il-manuvra ta' sorpass li intentat taghmel il-konvenuta, flimkien mal-manuvra li ghamel l-attur sabiex idur minn go triq principali ghal go trqi laterali.

Illi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-messagg li ipprova iwassal l-attur lil vetturi li kienu qed jinsaqu warajh tal-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel ma wasalx ghand il-konvenuta. Hija tghid illi l-attur kien qieghed isuq b'velocita baxxa hafna u baqa' isuq bl-istess velocita tant illi ghalhekk huwa ta x'jifhem illi kien ser jibqa ghaddej fid-dritt u inoltre tghid illi hija ma ratx l-*indicator* tieghu mixghul fl-ebda mument. Dana kollu jichdu l-attur ghaliex huwa jikkontendi illi meta wasal vicin it-triq laterali huwa irrallenta u xeghel l-*indicator* u dana sabiex jaghti indikazzjoni ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel.

Illi l-manuvra li ghamlet il-konvenuta madanakollu kienet wahda li iggib maghha responsabbilta kbira u dana ghaliex hija kienet ser taghmel manuvra ta' sorpass fi triq principali, vicin inkrocju ma' triq sekondarja u li permezz ta'l-istess manuvra hija kienet ser tinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-konvenuta kienet *main road abuser* meta ghamlet il-manuvra ta' sorpass u ghalhekk ghandha

certu grad ta’ responsabbilta ghall-incident mertu tal-kawza.

Illi jonqos illi wiehed jara jekk l-attur kellux responsabbilita kontributorja ghal dan l-incident. Illi ghandu jinghad qabel xejn illi meta sewwieq jigi sabiex ibiddel id-direzzjoni tieghu, huwa irid joqghod attent illi jaghti messagg ta’ dan lill-vetturi li ikunu qed jinsaqu warajh u li jassikura ruhu illi dan il-messagg waslilhom. Mhux bizzejjed illi huwa jixghel l-*indicator*, izda irid joqghod attent illi dan jaghmlu qabel ma jibda biex jikser u inoltre illi bis-sewqan tieghu huwa ikun ta il-messagg li ta’ warajh illi huwa ser ibiddel id-direzzjoni tieghu. Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kienet dejjem kostanti meta sahhqet illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street*, mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda irid jara ukoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa irid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser. (ara sentenza Prim’Awla tal-Qorti Civili – 15 ta’ Ottubru 1995 – Hugh P. Zammit noe. vs Raymond Debono; Middle Sea Insurance Co. Ltd vs Patrick Calleja – Qorti tal-Magistrati 01.03.1999). Illi inoltre l-artikolu 76 tal-Highway Code ighid: “before changing direction, reduce speed and keep watch on the traffic behind you by glancing in your mirrior.”

Illi ghalkemm it-Tribunal jemmen lill-attur meta huwa ighid illi xeghel l-*indicator* qabel ma dar, izda huwa dubbjuz kemm dan sar qabel ma beda ibiddel id-direzzjoni tieghu. Inoltre it-Tribunal jemmen ukoll il-verzjoni moghtija mill-konvenuta min-naha l-ohra illi x’aktarx illi l-attur kien qieghed isuq bi *speed* baxx hafna u baqa’ isuq bl-istess velocita’, tant illi dan wassal lill-konvenuta tiddecidiedi sabiex tissorpassah hekk kif bdiet titwessa’ it-triq.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-attur ikkontribwixxa ghal dan l-incident stradali u ghalhekk ghandu ibati parti mit-tort ghall-istess u ghalhekk it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi illi t-tort illi ghandha tbati l-konvenuta ghall-incident stradali mertu tal-kawza huwa ta’ tlett kwarti u dana peress illi l-attur ikkontribwixxa ghall-incident f’porzjoni ta’ kwart.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ tlett mija u wiehed u ghoxrin lira maltin (Lm321) u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------